MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 135/2004

Kawza numru: 38

**Aine B**
**vs**
**T B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Peress illi l-attrici ilha mizzewga lill-konvenut mis-26 ta’ Marzu 1988 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal W ta’ tlettax-il sena u Q ta’ disa’ snin;

2. Peress illi l-konvenut irrenda ruhu hati kontra martu ta’ minacci, ingurji gravi, sevizzi, mohqrija u f’ okkazjoni wahda swat; dan iz-zwieg tkisser ukoll minhabba

inkompatibilita' ta' karattru. B' hekk dan iz-zwieg tkisser irrimedjabilment. Ir-ragel kontinwament kien joqghod fuq il-kompjuter tieghu u xejn aktar.

3. Peress illi l-konvenut qieghed jimmolesta lill-attrici kontinwament. Hu qieghed jhedded lill-attrici, joffendiha u jghajjarha anke fil-presenza tal-minuri. Fid-dar il-konvenut holoq atmosfera hazina hafna mibnija fuq theddid u ingurji.

4. Peress illi intant fid-dar tal-konvenut qed johloq tensjoni li ma tawspikax tajjeb, jaghmel xenati quddiem it-tfal b' mod li qed jaghmillhom hsara enormi.

5. Peress illi jkun fl-aqwa interess tal-ulied li dawn jigu fdati fil-kura u kustodja tal-attrici;

6. Peress illi minhabba ragunijiet gravi wkoll ikun gust li l-attrici tinghata d-dritt li tibqa' tghix fid-dar konjugali 402, Triq MikielAng Grima, Pembroke ad eskluzjoni ta' zewgha;

7. Peress illi l-attrici apparti l-fatt li m' ghandhiex fejn tmur tghix, ma ikkommettiet ebda htija li setghet wasslet ghal dan it-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg u ghalhekk l-attrici ghandha tithalla tkompli tghix fid-dar matrimonjali flimkien ma' uliedha u ad eskluzjoni tal-konvenut;

8. Peress illi l-attrici gabet l-awtorizzazzjoni biex tipprocedi ghas-separazzjoni permezz ta' digriet tas-27 ta' April 2004 li qed jigi anness bhala Dokument A;

Jghid il-konvenut ghaliex m' ghandhiex din il-Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba swat, minacci, ingurji gravi, sevizzi u mohqrija lejn l-attrici maghmula mill-konvenut ai termini tal-Kodici Civili u minhabba inkompatibilita' ta' karattru;

2. Tiddikjara u tordna li l-istess konvenut jitlef id-drittijiet kontemplati fl-artikoli 631, 633, 633A, 825, 826 u

827 tal-Kodici Civili u tapplika kontra l-konvenut u favur l-attrici id-disposizzjonijiet tal-Artiklu 48 tal-Kodici Civili;

3. Tordna it-tmiem u x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

4. Tillikwida l-istess komunjoni ta' l-akkwisti jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi u taqsam l-istess bejn il-kontendenti nofs kull wiehed b' dan pero' li lill-attrici ghandhom jigu assenjati fl-intier taghhom l-akkwisti li saru bil-hidma taghha u jinghatalha lura dak li hi tat lil konvenut b' donazzjoni bil-hsieb taz-zwieg jew waqt iz-zwieg jew b' xi titolu iehor u b' dan ukoll illi l-attrici ghandha tinghata d-dritt skont artiklu 55A tal-Kodici Civili li wahedha mat-tfal minuri tibqa' tghix fid-dar matrimonjali;

5. Tahtar jekk ikun hemm bzonn Nutar u tiffissa data, lok u hin sabiex jekk ikun hemm bzonn issir il-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti (hlief id-dar matrimonjali) kif likwidati u tahtar kuraturi deputati biex fil-kontumacja jew l-assenza tal-konvenut jidhru minfloku;

6. Tiddikjara liema huma l-flus u/jew l-oggetti parafernali li jappartjenu lil kull wahda mill-partijiet u tordna li qabel il-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti kull parti tiehu dak li hu parafernali taghha;

7. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri W ta' tlettax-il sena u Q ta' disa' snin tigi fdata f' idejn l-attrici u tordna li kull access tal-konvenut ghall-minuri ma jsirx f' cirkostanzi li jistghu jaghmlu hsara morali jew materjali lil minuri;

8. Tordna li l-attrici wahedha tibqa' tghix flimkien ma' uliedha minuri fid-dar matrimonjali 402, Triq MikielAng Grima, Pembroke ad eskluzjoni ta' zewgha u dan skont artiklu 55A tal-Kodici Civili;

9. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici retta alimentari fil-gimgha ghaliha u ghat-tfal minuri skont kif tistabbilixxi din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati prezentati kontestwalment.

Il-konvenut minn issa ngunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-eccipjent jippremetti li huwa pprezenta kawza ghal separazzjoni personali kontra l-attrici odjerna fl-ismijiet T B vs Aine B Citazzjoni numru 137/2004 u li ghalhekk ghandu jkun hemm il-konnessjoni taz-zewg kawzi;

2. Illi filwaqt li l-esponent jaqbel li tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti huwa ma kienx kawza ta' din is-separazzjoni u ghalhekk m' ghandu jehel ebda spejjez ghal din il-procedura stante li ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg hija responsabbli unikament l-attrici li rrendiet ruhha hatja kontra l-eccipjent zewgha ta' adulterju, sevizzi, minaccji u ingurji gravi b' mod li rrendiet impossibli l-hajja konjugali ta' bejniethom;

3. Illi t-tieni talba hija kontestata stante li ghat-tkissir taz-zwieg hija responsabbli l-attrici u ghaldaqstant ghandhom jigu applikati kontriha s-sanzjonijiet li ghalihom hemm referenza fit-tieni talba;

4. Illi hemm qbil fuq it-tielet talba;

5. Illi r-raba' talba m' hijix kontestata limitatament ghal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. L-eccipjent jopponi ghat-talba tal-attrici li jigu assenjati lill-attrici fl-intier taghhom l-akkwisti li saru bil-hidma taghha u jinghatalha lura dak li hi tat lil eccipjent b' donazzjoni bil-hsieb taz-zwieg jew b' xi titolu iehor. Illi l-eccipjent jopponi ghat-talba tal-attrici li tibqa' tghix wahedha mat-tfal fid-dar matrimonjali;

6. Illi l-hames talba m' hijix opposta salv li d-dar matrimonjali ghandha tigi nkluza fil-komunjoni tal-akkwisti;

7. Illi s-sitt talba m' hijix kontestata;

8. Illi s-seba’ talba hija kontestata b’ dan illi l-kura u l-kustodja tal-minuri W u Q ghandha tigi fdata f’ idejn l-eccipjent;

9. Illi t-tmien talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

10. Illi d-disa’ talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt f’ dak li jirrigwarda t-talba tar-retta alimentarja pagabbli lill-attrici stante li l-attrici tahdem u f’ kull kaz hija tilfet id-dritt li tigi akkordata manteniment ghaliha personalment stante li bi htija taghha z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment. F’ dak li jirrigwarda r-retta alimentarja ghal ulied minuri l-eccipjent jecepixxi li fl-eventwalita’ li jigi fdat il-kura u kustodja tal-minuri m’ ghandux jigi kkundannat ihallas retta alimentarja ghalihom, fin-nuqqas ghandha tittiehed in konsiderazzjoni l-introjtu taz-zewg partijiet;

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati u r-rapport tas-Social Worker Maria Camilleri;

Rat ir-rapport[1] tal-perit legali l-Avukatessa Dottor Ramona Frendo;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tat-8 ta’ Mejju 2008 fejn gie approvat abbozz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali [li eventwalment gie ppubblikat] u li permezz tieghu l-partijiet iddikjaraw “li ghad hemm pendenti pendenza li tirrigwarda l-proprjeta’ parafernali, u li l-partijiet ser jipprezentaw nota relattiva fil-mori tad-differiment.”[2]

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

---

[1] Vol.3 – fols.694 *et seq.*
[2] Vol.3 – fol.818

Illi dan il-gudizzju huwa limitat ghall-pendenzi rigwardanti l-krediti parafernali vvantati mill-partijiet.

Ukoll, tenut kont li dan il-gudizzju jirrigwarda l-kontenut tal-paragrafi H3 sa H3[2] tar-relazzjoni peritali, kopja ta' l-istess qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegral mill-istess [Appendici A – Vol.3 – fols.746 sa 751]

**Krediti Parafernali – Attrici**

Illi l-Qorti taghmel referenza ghall-paragrafi H3 u H31 tar-relazzjoni, u tosserva:

[1] li, filwaqt li taqbel li l-krediti pretizi mill-attrici, indikati taht il-partiti [a] sa [f] m' ghandhomx jigu kkunsidrat fil-komputazzjoni tal-kreditu parafernali globali dovut lill-attrici, il-Qorti tosserva li, ghalkemm taccetta bhala provat li l-ammonti ndikati f' dawn il-partiti gew fil-fatt konsenjati lill-attrici, izda rigward l-ammonti fil-partiti [a] sa [d] ma rrizultax kif l-attrici mpjegat dawn il-flus, u noltre. ma jistax jigi prezunt li ntefqu ghal gid tal-komunjoni tal-akkwisti, anzi, tenut kont li dawn il-flus kienu parafernali, il-prezunzjoni hi li l-attrici nefqithom ghal uzu personali taghha. Ghaldaqstant din il-parti tal-pretensjoni attrici ma tistax treggi.

[2] li l-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-perit legali fir-rigward tal-flus moghtija minn omm l-attrici ghax-xiri ta' karozzi, indikati taht il-partiti [e] u [f], u taqbel li dawn il-flus nghataw ghall-uzu taz-zewg konjugi, u ghalhekk l-attrici ma tistax validament tavvanta dan il-kreditu bhala wiehed parafernali.

[3] li dwar is-somma ta' LM3,479 indikata taht il-partita [g] li l-attrici ppercepiet bhala s-sehem taghha mill-wirt t'ommha, il-Qorti tosserva li jirrizulta sodisfacentement provat li minn dan l-ammont l-attrici ddepozitat fil-kont komuni tal-partijiet is-somma ta' LM2,173.99, filwaqt li ma jirrizultax kif impjegat l-kumplament ammontanti ghal LM1,305. Issemmi biss, fir-rigward, li hi kienet iddepozitat xi flus fil-Vilhena Funds li, skont l-attrici, fil-mument tal-

likwidazzjoni, kienu jammontaw ghas-somma ta' LM623.87, ghalkemm ma gabitx provi ulterjuri fir-rigward.

Ghalhekk il-komputazzjoni tal-perit legali dwar din il-partita, qed tigi aggustata minn din il-Qorti, fis-sens li l-kreditu parafernali attrici kontra l-kommunjoni tal-akkwisti jammonta ghal **LM2,173.99**; filwaqt li l-fondi Vilhena ntestati fuq l-attrici, jekk ghadhom jezistu, ghandhom jibqghu ntestati fuq ismha bhala parafernali taghha.

[4] li rigward l-kreditu pretiz ta' LM7,000 li l-attrici tghid li gabet maghha fiz-zwieg, il-Qorti, tikkondividi l-konstatazzjonijiet u l-konkluzjonijiet tal-perit legali; u konformament taccetta dan il-kreditu limitatament ghas-somma ta' **LM6,000**.

Ghalhekk il-krediti parafernali li l-attrici ghandha fil-konfront tal-kommunjoni ta' l-akkwisti, jammontaw komplessivament ghas-somma ta' **LM7,184**[3], u mhux ghas-somma ta' LM8,855 indikata mill-perit legali.

**Krediti Parafernali – Konvenut**

Illi l-Qorti, filwaqt li kondividi l-kontestazzjonijiet u konkluzjonijiet maghmula mill-perit legali dwar il-partiti [a][c] u [d], hi tal-fehema li l-kreditu ta' LM3,000 pretiz mill-konvenut, u ndikat fil-partita [b] ghandu jigi rikonoxxut bhala tali, tenut kont li, anke l-attrici taqbel li dan kien intuza ghall-bzonnijiet tal-familja u <u>tad-dar</u> li hi proprjeta' tal-kommunjoni ta' l-akkwisti.

Ghalhekk il-krediti parafernali dovuti lill-konvenut jammontaw globalment ghas-somma ta' **LM18,000**, u mhux LM15,000 kif indikat mill-perit legali.

Illi fil-mori tal-kawza, u sussegwenti ghar-rapport peritali, il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, fejn fil-klawsola 12 iddikjaraw li l-mobbli tal-komunjoni nqassmu bejn il-partijiet b' mod li l-konvenut ha l-mobbli kollha elenkati taht il-kolonna A [tad-dokument X anness mal-istess kuntratt, u li kopja tieghu kif ukoll tal-kuntratt

[3] LM2173.99 + LM6000

relattivi qed jigu annessi mal-gudizzju odjern sabiex jifformaw parti mill-istess – Appendici B], filwaqt li l-attrici hadet il-mobbli kollha elenkati taht il-kolonna B. Inoltre l-partijiet iddikjaraw "li huma jinsabu fil-pussess tal-effetti mobbli kollha li qed jigu assenjati lilhom [u] li fejn il-kolonna A u B mobbli gew indikati bil-valur [zero] 0, dawk huma mobbli parafernali tal-parti li lilha jkunu gew assenjati, u b' hekk ma gewx maghduda ghall-iskopijiet tal-ewkiparazzjoni u ma gewx assenajti bhala sehem il-parti mill-kommunjoni."

Illi b'applikazzjoni ta' din il-klawsola tal-kuntratt, tenut kont ukoll tal-kontenut tal-klawsola numru 14, il-Qorti qed tirriduci l-kreditu globali parafernali tal-konvenut bl-ammonti ta' LM1,000 u LM1,000, indikati taht il-partiti [b] u [c][4] tar-relazzjoni peritali, stante li l-oggetti akwistati b'dawn l-ammont jinsabu fil-pussess tal-konvenut bhala parafernali tieghu. B' hekk is-somma dovuta lill-konvenut, bhala parafernali tieghu, mill-kommunjoni ta' l-akkwisti, tammonta ghal **LM16,000**.

Illi tenut kont li l-kommunjoni ta' l-akkwisti giet "xjolta b' effett immedjat" [klawsola 22] u li giet likwidata u maqsuma, jifdal biss li l-partijiet jiehdu il-krediti parafernali rispettivi taghhom: LM16,000 dovuti lill-konvenut, LM7,184 dovut lill-attrici. Ghalhekk l-attrici ghandha taghti lill-konvenut is-somma ta' **LM4,408**[5].

Illi rigward il-komputazzjoni ta' dan l-ammont, il-Qorti tosserva li l-kreditur parafernali li javvanta kreditu kontra l-kommunjoni ta' l-akkwisti debitrici, li taghha hu jkollu sehem ta' nofs indiviz, fil-fatt ikun intitolat li jippercepixxi nofs l-ammont vantat minnu. B' hekk fil-kaz in dizamina, il-konvenut ghandu dritt jircevi minghand l-attrici l-ammont ta' LM8,000, filwaqt li l-attrici ghandha dritt tircevi minghand il-konvenut l-ammont ta' LM3,592 – id-differenza ta' LM4,408 hija ghalhekk dovuta mill-attrici lill-konvenut.

---

[4] Vide partiti 69-79, u 120 u 154 tad-dokument X anness mal-kuntratt.
[5] LM16,000 – LM7,184 = LMLM8,816 \ 2 = LM4,408

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet numri wiehed, tnejn, tlieta, erba’, hamsa, seba, tmienja u disa’, stante li l-meritu jinsab ezawrit;

[2] tiddecidi dwar is-sitt talba fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata Krediti Parafernali, u konformament tiddikjara li l-attrici ghandha taghti lill-konvenut is-somma ta’ ghaxart elef, mitejn u sebghin ewro, u tlieta u sittin centezmu [€10,270.63] [ekwivalenti ghal LM4,408], u tordna li l-attrici thallas lill-konvenut dan l-ammont.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------